**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 14 ta' Novembru, 2016**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 776/2015**

**Clifford Micallef**

**vs**

**Victor Chetcuti u Rosaline sive Rose Chetcuti konjugi Chetcuti u Michael Chetcuti**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-12 ta' Awwissu 2015 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti kien, f'zewg okkazzjonijiet separati u cioe fit-30 ta' Mejju 2014 u fis-7 ta' Lulju 2014 silef lil Victor Chetcuti, brevi manu s-somma ta' €30,000 f'kull okkazzjoni sabiex l-ammont totali misluf kien dak ta' €60,000.

2. Illi s-self illi nghata fl-okkazzjoni tat-30 ta' Mejju 2014 kellu jigi mhallas lura sal-31 ta' Awwissu 2014 bl-imghax legali. Meta dan l-ammont ma giex imhallas lura mill-intimat ta' Lulju 2014 u li permezz tieghu filwaqt li giet ikkancellata l-ewwel skrittura u cioe dik tat-30 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti silef lil l-intimat ammont iehor ta' €30,000 sabiex b'kollox is-self li l-intimat inghata sar ta' €60,000 liema ammont kellu jithallas lura mill-intimat lir-rikorrenti, bla imghax b'rati mensili u konsekuttivi ta' €1,666-il wahda bl-ewwel pagament dovut fil-31 ta' Marzu 2015 u kull l-ahhar tax-xahar ta' kull xahar sussegwenti u ghal dan il-fini l-intimat iffirma 36 kambjala ta' €1,666-il wahda.

3. Illi in oltre u sabiex ikun hemm garanzija ulterjuri li s-somma mislufa tintradd lura kif miftiehem l-intimati Victor Chetcuti u Michael Chetcuti ntrabtu flimkien u in solidum bejniethom "... u dana minghajr ebda pregudizzju ghad-drittijiet tieghu (tar-rikorrenti) illi jesegwixxi d-drittijiet tieghu ezekuttivi naxxenti mill-kambjali li gew iffirmati bejn il-partijiet, ikun intitolat illi jiehu l-pussess immedjat tal-fond ossia l-hanut maghruf bl-isem ta' Marks Sweet Shop li jinsab b'Islets Promenade Bugibba fil-Limiti ta' San Pawl il-Bahar liema fond huwa gestit mid-debituri in solidum bejniethom u l-

kreditur ikun intitolat illi jibqa' fil-pussess tal-fond u jiggestih wahdu u dana sakemm is-somma totali ta' kreditu dovuta lill-kreditur tkun giet saldata".

4. Fl-imsemmija skrittura li giet redatta minn u ffirmata quddiem in-Nutar Dr. Malcolm Camilleri, hawn anness u mmarkata dokument A l-intimati in oltre ghal dak fuq imsemmi ntrabtu li, f'kaz li l-kambjali jibqghu ma jithallsux u sakemm dawn jithallsu skond kif miftiehem l-intimati obbligaw ruhhom ukoll illi jhallsu lir-rikorrenti kumpens ta' €400 fil-gimgha “... u dana ghal matul dak il-perjodu illi huwa (ir-rikorrenti) ikun qed jiggestixxi l-operat u n-negozju tal-imsemmi hanut u sakemm is-somma totali tal-kreditu tigi pjenament saldata".

5. In vista ta' dan il-ftehim ir-rikorrenti kien ftiehem mal-intimati illi fuq is-somma mislufa ma jiddekorri l-ebda imghax.

6. Illi la darba l-intimati hallsu biss kambjala wahda ta' €1,666 u cioe l-ewwel kambjala li ghalqet fil-31 ta' Marzu 2015 u minn dak iz-zmien ma hallsu l-ebda kambjala ohra u cioe dawk il-kambjali li jaghlqu fit-30 ta' April, 31 ta' Mejju, tat-30 ta' Gunju u tal-31 ta' Lulju 2015, u meta ghaldaqstant l-attur kif kellu dritt talab biex jinghata l-pussess u l-gestjoni tal-hanut imsemmi izjed il-fuq kollox skond il-ftehim dokument A intebah illi l-inimati, b'qerq u biex jizgiccaw mill-obbligi taghhom, lejh, skond l-imsemmija skrittura kienu willew ossia ghaddew il-pussess u l-gestjoni tal-imsemmi hanut lil terzi u cioe lil Christian Granata li llum qed jiggestixxi dan il-hanut taht l-isem Sottozero.

7. Illi ghaldaqstant l-intimati gew li kisru l-obbligazzjonijiet tieghu skond l-imsemmi ftehim mhux biss in kwantu naqsu li jhallsu l-pagamenti fuq il-kambjali ta' kull xahar kif miftiehma u skond dak li inghad izjed il-fuq f'dan ir-rikors, izda wkoll, bl-ghemiel qarrieqi taghhom gabu kompletament fix-xejn il-garanzija li kienu tawh f'kaz illi, kif filfatt gara l-intimati kienu naqsu illi jhallsu l-kambjalijiet skaduti skond l-istess ftehim, b'dan illi l-intimati ma ghadhomx issa jistghu jibqghu jibbenifikaw mill-beneficju tad-dritt lilhom moghti ghall-pagamenti mensili u huma tenuti skond il-ligi li jhallsu l-ammont kollu lilhom misluf fl-intier tieghu u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ftehim tas-7 ta' Lulju 2014 kif ukoll u sakemm ma jaghmlu dan il-hlas huma wkoll debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' €400 fil-gimgha bejn il-perjodu l-1 ta' Mejju 2015 sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, b'kollox 15-il gimgha ekwivalenti dan id-debitu ghas-somma ta' €7,200.

8. Illi fil-fehma tar-rikorrenti l-ammont totali ta' €67,200 li l-intimati ghandhom ihallsu lir-rikorrenti kif fuq spjegat huwa ammont cert, likwidu u skadut u fil-fehma tieghu l-intimati ma ghandhom l-ebda eccezzjoni xi jressqu ghal din it-talba.

Jghidu l-konvenuti, flimkien u in solidum bejniethom u bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista wkoll tal-affidavit tar-rikorrenti li qed jigi hawn anness u mmarkat dokumen B ma ghandhomx jigu minn din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li b'ghemilhom u skond kif indikat fid-dettal izjed il-fuq f’dan ir-rikors l-intimati tilfu d-dritt tal-beneficju tal-hlas ratejali lilhom moghti permezz tal-ftehim tas-7 ta' Lulju 2014 dokument A;

2. Tikkundannahom, flimkien u in solidum bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' €60,000 oltre l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma mis-7 ta' Lulju 2014 sad-data tal-pagament effettiv neqsin bis-somma ta' €1,666 in vista tal-hlas tal-ewwel kambjala skaduta fil-31 ta' Marzu ta' din is-sena;

3. Tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom li jhallsu wkoll lill-intimati s-somma ta' €7,200 ekwivalenti ghal €400 fil-gimgha ghall-perjodu kollu mill-1 ta' April 2015 sal-lum u cioe ghal 18-il gimgha u dana bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 1238/15 intavolat fil-31 ta' Lulju 2015 u tal-mandat ta' qbid numru 1237/15 intavolat fl-istess gurnata kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni u b'rizerva ghal kull dritt ta' azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimati ghall-kontinwazzjoni tal-hlas ta' €400 fil-gimgha sad-data tal-pagament fuq indikat u b'rizerva wkoll ghall-azzjoni kriminali kontrihom.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok l-intimata Rosalie sive Rose Chetcuti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante illi l-kontenzjoni mertu ta' din l-azzjoni tirreferi esklussivament ghal gestjoni ta' negozju / kummerc tal-intimat Victor Chetcuti u ghalhekk, tenur ta' artikolu 1324 tal-Kap. 16 hija esklusa mill-komunjoni;
2. Illi in linea preliminari, l-azzjoni hija intempestiva stante li ghadu ma ddekorrix il-perjodu kollu koncess a tenur tal-iskrittura li kkostitwiet id-debitu.
3. Illi l-esponenti Victor u Michael minghajr pregudizzju ghas-suespost, jikkonfermaw illi d-debitu mar-rikorrenti jammonta ghal €60,000 minghajr imghax:
4. Illi konsegwentment l-ewwel talba ma tistax tigi akkolta stante illi dan ma huwiex provdut fl-iskrittura esebita mar-rikors promotur;
5. Illi t-tieni talba tista' tigi akkolta biss ghall-pagamenti dovuti minn April sa Lulju 2015;
6. Illi ukoll kwantu ghat-tieni talba t-talba ghall-imghax ma tistax tigi akkolata stante li l-partjiet ftehmu li ma ghandux jiddekorri imghax, anke f'kaz ta' morozita;
7. Illi t-tielet talba lanqas tista' tigi akkolta stante li in pessima ipotesi l-€400 reklamati kellhom jithallsu fl-eventwalita li r-rikorrenti jiggestixxi l-fond imsemmi, fattur li ma avverrax ruhu stante li r-rikorrenti qatt ma talab formalment jinghata l-pussess tal-fond imsemmi fl-iskrittura.

Rat li l-attur irtira t-tielet talba tieghu b'verbal tal-10 ta' Novembru 2015;

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din il-kawza hi bazata fuq skrittura bejn il-partijiet datata 7 ta' Lulju 2015 fejn il-konvenuti kkostitwew ruhhom debituri tal-attur ghas-somma ta' €60,000 pagabbli fi

zmien tlett snin liema perjodu jibda jiddekorri mill-31 ta' Marzu 2015 b'pagamenti rateali mensili ta' €1,666 permezz ta' 36 kambjala li gew iffirmati dakinhar stess. Id-debituri flimkien u in solidum taw garanzija lil kreditur fis-sens illi f'kaz ta' morizita fil-hlas tal-kambjali meta jsiru dovuti u bla pregudizzju ghad-drittijiet tieghu fuq il-kambjali dovuti, il-kreditur inghata d-dritt li jiehu pussess tal-fond kummercjali tad-debituri f'Bugibba u jiggestih hu sakemm id-debitu jithallas. Inoltre gie miftiehem illi d-debituri jhallsu €400 fil-gimgha lil kreditur fil-perjodu li jiggestixxi l-hanut tad-debituri sakemm jithallas id-debitu kollu dovut.

l-attur isostni illi l-konvenuti hallsu biss l-ewwel kambjala tal-31 ta' Marzu 2015 u fl-ahhar ta' Lulju 2015 l-attur talab il-pussess tal-fond kummercjali tal-konvenuti biex jiggestixxi n-negozju pero sar jaf illi l-konvenuti wellew il-pussess u l-gestjoni tal-hanut lil terzi. Ghalhekk hu qed isostni illi l-konvenuti naqsu milli jaderixxu mal-obbligazzjonijiet minnhom assunti u jhallsu d-debitu kollu dovut.

Il-konvenuti ma pprezentaw ebda prova f'din il-kawza li tmur kontra x-xiehda guramentata tal-attur. Fl-eccezzjonijiet taghhom isostnu li ghalkemm jaqblu mal-ammont tas-self, l-azzjoni hi intempestiva ghax ghadu ma ddekorriex il-perjodu tal-hlas u dak li jista' jintalab hu biss l-ammonti tal-kambjali skaduti.

F'din il-kawza, l-attur qed jargumenta illi ladarba l-konvenuti naqsu li jonoraw l-obbligi minnhom assunti allura ddekadew mill-beneficcju tat-terminu. Il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 1079 tal-Kap. 16 li jghid illi debitur ma jistax jikkampa aktar mal-beneficcju tat-terminu jekk hu insolventi, jew jekk is-sitwazzjoni tieghu inbidlet talment li jista' jipperikola l-hlas tad-debitu, jew jekk b'ghemilu naqqas il-garanzija li hu jkun ta lil kredituri a bazi tal-ftehim, jew naqas li jaghti l-garanzija miftiehma.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **J. Grima and Sons Limited vs Anton Agius** (PA 28/01/2004):

> Kwantu ghall-ftehim allegat mill-konvenut dwar il-facilitajiet kreditizji tal-hlas lilu moghtija mis-socjeta` attrici u dwar liema ghad-domanda f' daqqa ghal hlas eccepixxa l-intempestivita, ghandu jinghad illi filwaqt li huwa minnu, fuq il-bazi tal-provi ottenuti, illi f' xi zmien kien jezisti tali ftehim dan ma jfissirx illi s-socjeta` venditrici kellha tibqa' marbuta mieghu, anke jekk fil-frattemp ikun per ezempju inbidel l-istat tax-xerrej;

> Certament, hadd ma jista' jlum lis-socjeta` attrici illi tinsisti ghall-hlas kollu bilancjali li jkun jirrizulta f'mument fejn is-sitwazzjoni finanzjarja tax-xerrej u debitur taghha tkun tidher li kienet wahda peggjorata u kien ghalhekk jirrizultalha perikolu reali li l-kreditu taghha ma jigix sodisfatt.

Hi l-fehma tal-Qorti illi din l-azzjoni hi kolpita bit-tielet ipotesi tal-artikolu 1079 tal-Kap. 16 cioe li d-debituri b'ghemilhom cahdu lil kreditur mill-garanzija li ntrabtu biha cioe li jhalluh jiggestixi n-negozju taghhom peress li wellewh lil terzi. Din il-prova bl-ebda mod ma hi kontradetta mill-istess konvenuti u ladarba giet sodisfatta din l-ipotesi kif ukoll in-nuqqas ta' hlas tal-kambjali hlief ghal wahda biss il-kreditur ghandu dritt jitlob li l-Qorti tiddikjara li d-debituri ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u hu dovut id-debitu shih ta' €60,000 imnaqqas b'€1,166 cioe €58,334.

In kwantu ghat-talba ghall-imghax, hu minnu illi l-iskrittura tas-7 ta' Lulju 2015 tistipula li ebda imghax ma hu dovut izda din il-klawsola trid tinqara bis-shih mal-intendiment tal-istess ftehim cioe illi sakemm jigu ottemperati l-kondizzjonijiet tal-ftehim, ma hemm dovut ebda mghax. Ladarba l-beneficcju tat-terminu intemm allura japplika dak li tghid il-ligi fuq l-imghax kummercjali. F'dan il-kaz it-talba ghal-hlas intier tad-debitu intalab fit-12 ta' Awwissu 2015 u ghalhekk il-Qorti tqis li din ghandha tkun id-data li minnha jibda jiddekorri l-imghax fuq l-ammont dovut peress illi l-konvenuti naqsu li jindirizzaw in-nuqqas taghhom nonostante din it-talba.

In kwantu ghall-eccezzjoni preliminari tal-konvenuta Rosaline Chetcuti li ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju ghax il-mertu tal-azzjoni hu debitu kummercjali u ghalhekk hi eskluza bhala debitu tal-komunjoni ai terminu tal-artikolu 1324 tal-Kap. 16, apparti l-fatt li dan l-artikolu ma jghdix dak li qed tipprospetta l-konvenuta, ma ngiebet ebda prova mill-konvenuti ghaliex hi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, jew ghaliex dan id-debitu hu eskluz mill-komunjoni.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundannahom ihallsu in solidum bejniethom lil attur is-somma

ta' €58,334 bl-imghax jiddekorri mit-12 ta' Awwissu 2015, bl-ispejjez ghall-konvenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur